



Il-GDPR: opportunitajiet ġodda, obbligi ġodda



Dak li kull **negozju** jeħtieġ ikun jaf dwar
ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni
tad-Data tal-UE

Printed by Bietlot in Belgium

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© L-Unjoni Ewropea, 2018

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Print ISBN 978-92-79-79416-2 doi:10.2838/398770 DS-01-18-082-MT-C

PDF ISBN978-92-79-79426-1 doi:10.2838/85782 DS-01-18-082-MT-N

WERREJ

KAPITOLU 1

OPPORTUNITÀ TA' NEGOZJU..... 2

KAPITOLU 2

NIFHMU L-GDPR 4

KAPITOLU 3

L-OBBLIGI TIEGĦEK SKONT IL-GDPR..... 8

KAPITOLU 4

LEST BIEX TIKKONFORMA? 18



KAPITOLU 1

OPPORTUNITÀ TA' NEGOZJU

Il-GDPR jirregola l-mod li bih in-negozji jipproċessaw u jimmaniġġjaw id-data personali. Dan se jkun effettiv mill-25 ta' Mejju 2018 u se jkun applikabbli għan-negozji u l-organizzazzjonijiet kollha (pereżempju l-isptarijiet, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, eċċ.), huwa jikkostitwixxi l-akbar bidla fir-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data tal-UE f'aktar minn 20 sena.

Il-GDPR mhux biss jagħti liċ-ċittadini aktar kontroll fuq kif tintuża d-data personali tagħhom, iżda jissimplifika wkoll

b'mod sinifikanti l-ambjent regulatorju għan-negozji. Huwa jagħmel dan billi jistabbilixxi qafas uniformi għal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data madwar l-UE. Fi kliem ieħor, minflok kull pajjiż ikollu l-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data tiegħu stess, issa l-UE kollha hija rregolata minn regolament uniku. Għalhekk, kumpanija li topera f'pajjiżi differenti m'għadx għandha bżonn tikkonforma ma' regolamenti multipli u spiss li jvarjaw. Minflok, jeħtieġ li dawn jikkonformaw biss mal-GDPR sabiex joffru s-servizzi tagħhom kullimkien fl-UE.

Kif il-GDPR jista' jkun ta' benefiċċju għall-kumpanija tiegħek

- 📌 **Unjoni waħda, liġi waħda:** sett uniku ta' regoli jagħmilha aktar faċli u orħos għall-kumpaniji biex iwettqu negozju fl-UE.
- 📌 **Punt uniku ta' servizz:** f'ħafna każijiet, il-kumpaniji jkollhom jinnegozjaw biss ma' Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data (DPA) waħda.
- 📌 **Regoli Ewropej f'territorju Ewropew:** il-kumpaniji bbażati barra mill-UE jeħtiġilhom japplikaw l-istess regoli bħall-kumpaniji Ewropej meta joffru l-oġġetti jew is-servizzi tagħhom lill-individwi fl-UE.
- 📌 **Approċċ ibbażat fuq ir-riskju:** il-GDPR jevita obbligu ta' piż qawwi u wieħed tajjeb għal kulħadd u minflok ifassal obbligi għar-riskji rispettivi.
- 📌 **Regoli xierqa għall-innovazzjoni:** il-GDPR huwa teknoloġikament newtrali.


Din hija kwistjoni kompletament ta' fiduċja

Il-protezzjoni tad-data personali hija tħassib importanti għall-individwi. Għalhekk, il-fiduċja tagħhom fl-ambjenti diġitali għadha baxxa. Skont sħarriġ tal-Ewrobarometru:

- 📌 8 minn kull 10 persuni jħossu li ma għandhomx kontroll sħiħ fuq id-data personali tagħhom;
- 📌 6 minn kull 10 jgħidu li ma jafdawx lin-negozji onlajn;
- 📌 aktar minn 90 % tal-Ewropej jgħidu li jridu l-istess drittijiet tal-protezzjoni tad-data fil-pajjiżi kollha tal-UE.

Il-GDPR jirrappreżenta opportunità ġdida għan-negozju tiegħek biex itejjeb il-fiduċja tal-konsumatur permezz ta' mmaniġġjar tad-data personali bbażat fuq ir-riskju.

"Negozji li jonqsu milli jiproteġu b'mod adegwat id-data personali ta' individwu jkunu f'riskju li jtilfu l-fiduċja tal-konsumatur, li hija essenzjali biex in-nies jiġu mħeġġa jużaw prodotti u servizzi ġodda."



KAPITOLU 2

NIFHMU L-GDPR

Il-GDPR japplika għalija?

Fil-qosor, il-GDPR japplika għal **kwalunkwe** negozju li:

jipproċessa d-data personali permezz ta' pproċessar **awtomatiku** jew **manwali** (diment li d-data tkun organizzata skont il-kriterji).

Anke jekk in-negozju tiegħek jipproċessa biss data f'isem kumpaniji oħrajn, inti xorta waħda jeħtieġ li tosserva r-regoli.

Il-GDPR japplika jekk:

- il-kumpanija tiegħek tipproċessa data personali u hija bbażata fl-UE, irrispettivament minn fejn iseħħ l-ipproċessar tad-data attwali; jew
- il-kumpanija tiegħek hija stabbilita barra mill-UE iżda toffri oġġetti jew servizzi lill-individwi fl-UE jew timmonitorja l-imġiba tagħhom.

X'inhom id-data personali?

Id-data personali tirreferi għal kwalunkwe informazzjoni li tirrelata ma' individwu ħaj identifikat jew identifikabbli. Dan jista' jinkludi:

- isem;
- indirizz u numru tat-telefon;
- post;
- rekords mediċi;
- d'fih u informazzjoni bankarja;
- preferenzi kulturali;
- ... u aktar.

Id-data personali li tkun ġiet deidentifikata jew psewdonimizzata, iżda li xorta waħda tista' tintuża biex

persuna tiġi identifikata mill-ġdid taqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR. Madankollu, id-data personali li ssir anonima b'mod irreversibbli b'tali mod li l-individwu ma jibqax identifikabbli ma titqiesx bħala data personali u għalhekk mhix irregolata mill-GDPR.

Il-GDPR huwa wkoll teknoloġikament newtrali, jiġifieri huwa jipproteġi id-data personali irrispettivament mit-teknoloġija użata jew il-mod li bih tinħażen id-data personali. Irrispettivament minn jekk in-negozju tiegħek jipproċessax u jaħzinax id-data personali billi juża sistema tal-IT kumplessa jew permezz ta' fajls ibbażati fuq il-karti, inti se tkun irregolat mill-GDPR.

“Irrilevanti mill-fatt jekk in-negozju tiegħek jipproċessax jew jaħzinax data personali permezz ta' sistema tal-IT kumplessa jew permezz ta' fajls ibbażati fuq mezz stampat, inti se tkun regolat/a mill-GDPR.”

Oqgħod ferm attent f'dak li għandu x'jaqsam ma' kategoriji (sensittivi) ta' data personali

Jekk id-data personali li inti tiġbor tkun tinkludi informazzjoni dwar is-saħħa, ir-razza, l-orjentament sesswali, ir-reliġjon, it-twemmin politiku jew is-sħubija fi trade union ta' individwu, din titqies bħala sensittiva. Il-kumpanija tiegħek tista' tipproċessa biss din id-data taħt kundizzjonijiet speċifiċi u inti jista' jkollok bżonn timplimenta salvagwardji addizzjonali, bħall-kriptaġġ.

X'jikkostitwixxi l-ipproċessar ta' data personali?

Skont il-GDPR, azzjonijiet bħall-ġbir, l-użu u t-tħassir tad-data personali jaqgħu lkoll taħt id-definizzjoni tal-ipproċessar ta' data personali.

Inti timmonitorja l-bini tiegħek permezz tas-CCTV? Tikkonsulta bażi tad-data li tinkludi data personali għall-finijiet ta' negozju? Tibgħat emails promozzjonali?

Tħassar fajls tal-impjegati (diġitali) jew tqatta d-dokumenti? Jew tqiegħed ritratt ta' persuna fuq is-sit web tiegħek jew fuq il-mezzi tal-midja soċjali?

Jekk inti wegħibt "iva" għal kwalunkwe waħda minn dawn, f'dak il-każ, ċertament li l-kumpanija tiegħek qiegħda tipproċessa data personali.

IL-GDPR kif jgħin biex inaqqas l-ispejjeż?

IL-GDPR iqis l-ħtiġijiet tan-negozju. Pereżempju, ir-regolament għandu l-għan li jneħħi r-rekwiżiti amministrattivi sabiex inaqqas l-ispejjeż u jimminimizza l-piż amministrattiv:

- 🔥 **Daqshekk notifikati minn qabel:** ir-riforma tneħħi ħafna min-notifiki minn qabel lill-awtoritajiet supervizzorji, flimkien mal-ispejjeż assoċjati tagħhom.
- 🔥 **Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data:** prinċipalment il-kumpaniji jeħtieġ li jaħtru UPD jekk l-attivitajiet ewlenin tagħhom ikunu jnvolvu l-ipproċessar ta' data sensittiva fuq skala kbira jew jnvolvu l-monitoraġġ fuq skala kbira, regolari u sistematiku tal-individwi. L-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom l-obbligu li jaħtru UPD.

- 🔥 **Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data:** il-kumpaniji huma obbligati biss li jwettqu Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data jekk attività ta' pproċessar tad-data proposta tkun tinvolvi riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi.
- 🔥 **Żamma ta' rekords:** il-kumpaniji li għandhom inqas minn 250 impjegat mhumiex meħtieġa jżommu rekords diment li l-ipproċessar tad-data ma jkunx inċidentali jew ikun jnvolvi informazzjoni sensittiva.

“Ir-regolament għandu l-għan li jneħħi r-rekwiżiti amministrattivi sabiex inaqqas l-ispejjeż u jimminimizza l-piż amministrattiv.”



KAPITOLU 3

L-OBBLIGI TIEGĦEK SKONT IL-GDPR

Il-GDPR ipoġġi obbligi tal-ipproċessar tad-data diretti fuq il-kumpaniji fuq l-iskala tal-UE kollha. Skont il-GDPR, kumpanija tista' tipproċessa biss data personali taft ċerti kundizzjonijiet. Pereżempju, jenftieg li l-ipproċessar ikun ġust u trasparenti, għal għan speċifiku u leġittimu u limitat għad-data meħtieġa biex jiġi ssodisfat dan il-għan. Dan irid ikun ibbażat ukoll fuq wieħed mill-bażijiet legali li ġejjin.

- 👤 Il-**kunsens** tal-individwu kkonċernat.
- 👤 **Obbligu kuntrattwali** bejnek u l-individwu.
- 👤 Biex jissodisfa **obbligu legali**.
- 👤 Biex iħares **l-interessi vitali** tal-individwu.
- 👤 Biex iwettaq **kompitu li jkun fl-interess pubbliku**.
- 👤 Għall-**interessi leġittimi** tal-kumpanija tiegħek, iżda biss wara li tkun ivverifikajt li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu li qed tipproċessa d-data tiegħu mhumiex milquta b'mod serju. Jekk id-drittijiet tal-persuna jegħlbu l-interessi tiegħek, mela inti ma tistax tipproċessa d-data.

Fil-punt fokali: il-ksib ta' kunsens biex tintuża data personali

Il-GDPR japplika regoli stretti għall-ipproċessar tad-data abbażi tal-kunsens. L-għan ta' dawn ir-regoli huwa li jiżguraw li l-individwu jifhem għal xiex huwa jew hija qed jagħti/tagħti l-kunsens tiegħu/tagħha. Dan ifisser li jenħtieġ li l-kunsens **jingħata b'mod liberu, ikun speċifiku, informat u mhux ambigwu** permezz ta' talba ppreżentata b'lingwa ċara u sempliċi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kunsens jingħata **b'att affermattiv**, b'hal meta wieħed jimmarka kaxxa onlajn jew jiffirma formola.

Jekk inti qed tipproċessa data personali li tappartjeni għal **tifel/tifla** abbażi ta' kunsens, f'dak il-każ ikun meħtieġ il-kunsens tal-ġenituri. Madankollu, minħabba li l-limitu tal-età jvarja bejn it-13 u s-16-il sena fost pajjiżi differenti, huwa rrakkomandat li inti tikkonsulta l-liġi nazzjonali.

Ftakar!
Meta xi ħadd jagħti l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar tad-data personali tiegħu, inti tista' tipproċessa d-data għall-għanijiet li għalihom huwa jkun tak il-kunsens tiegħu. Barra minn hekk, għandek tagħtihom l-opportunità li jirtiraw il-kunsens tagħhom.

Iddetermina r-rwol u r-responsabbiltà tiegħek

Ladarba tkun iddeterminajt li l-GDPR japplika għan-negożju tiegħek u li hemm ipproċessar ta' data personali, il-pass li jmiss huwa li tiddetermina r-rwol tiegħek.

Ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data jiddistingwu bejn il-kontrollur tad-data u l-proċessar tad-data, b'obbligi differenti li japplikaw għal kull wieħed minnhom. Filwaqt li l-kontrollur tad-data jiddetermina l-għan u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali, il-proċessar tad-data jipproċessa biss id-data personali f'isem il-kontrollur

tad-data. Madankollu, dan ma jfissirx li l-proċessar jista' sempliċement jinħeba wara l-kontrollur tad-data.

Il-GDPR jirrikjedi li kontrollur tad-data jinvolti biss proċessar tad-data li joffri biżżejjed garanziji. Jenħtieġ li dawn il-garanziji jiġu inklużi f'kuntratt bil-miktub bejn il-kontrollur u l-proċessar tad-data. Il-kuntratt irid jinkludi wkoll għadd ta' klawżoli obbligatorji, fosthom, pereżempju, klawżola li tistipula li l-proċessar tad-data se jipproċessa biss data personali fuq l-istruzzjonijiet iddokumentati tal-kontrollur tad-data.

Obbligu li jipproteġu d-drittijiet individwali

Il-GDPR jinkludi għadd ta' obbligu li għandhom l-għan li jipproteġu d-dritt ta' individwu li jkollu kontroll fuq id-data personali tiegħu.

L-obbligu tiegħek: li tipprovdi informazzjoni trasparenti

Il-kumpaniji jeħtiġilhom jipprovdu lill-individwi informazzjoni dwar min qed jipproċessa xiex u għaliex. Bħala minimu, din l-informazzjoni trid tiddikjara b'mod ċar:

- ☝ min int;
- ☝ għaliex qed tipproċessa d-data;
- ☝ x'inhi l-bażi legali;
- ☝ min se jirċievi d-data (jekk applikabbli).

F'xi każijiet, l-informazzjoni trid tiddikjara wkoll:

- ☝ l-informazzjoni ta' kuntatt tal-UPD;
- ☝ l-interess leġittimu (meta l-interess leġittimu ikun il-bażi legali għall-ipproċessar);
- ☝ il-bażi għat-trasferiment tad-data lejn pajjiż barra mill-UE;
- ☝ għal kemm żmien se tinħażen id-data;
- ☝ id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tal-individwu (jiġifieri id-dritt ta' aċċess, korrezzjoni, tħassir, restrizzjoni, oġġezzjoni, portabbiltà, eċċ);
- ☝ kif jista' jiġi rtirat il-kunsens (meta l-kunsens huwa l-bażi legali għall-ipproċessar);
- ☝ jekk hemmx obbligu statutorju jew kuntrattwali biex tingħata d-data;
- ☝ fil-każ ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, informazzjoni dwar il-loġika, is-sinifikat u l-konsegwenzi tad-deċiżjoni.

“Il-kumpaniji għandhom jipprovdu lill-individwi bl-informazzjoni dwar min qed jipproċessa u għala.”

L-obbligu tiegħek: id-dritt ta' aċċess u d-dritt għall-portabbiltà tad-data

L-individwi għandhom id-dritt li jitolbu aċċess għad-data personali tagħhom, mingħajr filas u f'format aċċessibbli. Jekk inti tirċievi tali talba, inti għandek:

- ☀️ tgħid lill-individwu jekk hux qed tipproċessa d-data personali tiegħu;
- ☀️ tinformah dwar l-ipproċessar (bħall-finijiet tal-ipproċessar, il-kategoriji tad-data personali kkonċernata, ir-riċevituri tad-data tiegħu, eċċ.);
- ☀️ tipprovdi kopja tad-data personali li tkun qed tiġi pproċessata.

Barra minn hekk, meta l-ipproċessar ikun ibbażat fuq kunsens jew kuntratt, l-individwu jista' jitlob biex id-data personali tiegħu tiġi rritornata jew trażmessa lil kumpanija oħra. Dan huwa magħruf bħala d-dritt għall-portabbiltà tad-data. Jenġtieg li d-data tingħata f'format użat normalment u li jinqara mill-magni.

Għalkemm dawn iż-żewġ drittijiet huma relatati mill-qrib, madankollu huma żewġ drittijiet distinti. Għalhekk, inti trid tkun żgur li ma hemm l-ebda konfużjoni bejn iż-żewġ drittijiet u trid tinforma lill-individwu kif xieraq.

L-obbligu tiegħek: id-dritt għal tħassir (dritt li tkun minsi)

F'xi ċirkostanzi, individwu jista' jitlob li l-kontrollur tad-data jħassar id-data personali tiegħu, bħal meta d-data ma tkunx meħtieġa aktar biex tissodisfa l-għan tal-ipproċessar. Madankollu, il-kumpanija tiegħek mhix obbligata tikkonforma ma' talba ta' individwu jekk:

- ☀️ l-ipproċessar huwa meħtieġ biex jiġu rrispettati l-libertà ta' espressjoni u l-informazzjoni ta' persuna;
- ☀️ jeħtieġlek iżżomm id-data personali biex tikkonforma ma' obbligu legali;
- ☀️ hemm raġunijiet oħra ta' interess pubbliku biex tinżamm id-data personali, bħas-saħħa pubblika jew għall-finijiet ta' riċerka xjentifika u storika;
- ☀️ jeħtieġ li inti iżżomm id-data personali biex tistabbilixxi talba legali.

L-obbligu tiegħek: id-dritt li tikkoreġi u d-dritt li toġġezzjona

Jekk individwu jemmen li d-data personali tiegħu hija inkorretta, inkompleta jew mhux preċiża, hu jew hi għandhom id-dritt li jirretifikawha jew ikompluha mingħajr dewmien żejjed.

Individwu jista' joġġezzjona wkoll fi kwalunkwe ħin għall-ipproċessar tad-data personali tiegħu għal użu partikolari meta l-kumpanija tiegħek tipproċessaha

abbażi tal-interess leġittimu tiegħek jew għat-twettiq ta' kompitu fl-interess pubbliku. Sakemm ma jkollokx interess leġittimu li jegħleb l-interess tal-individwu, jeħtieġlek tieqaf tipproċessa d-data personali. Bl-istess mod, individwu jista' jitlob biex l-ipproċessar tad-data personali tiegħu jkun ristrett filwaqt li jiġi ddeterminat jekk l-interess leġittimu tiegħek jegħlibx l-interess tiegħu. Madankollu, fil-każ ta' kummerċjalizzazzjoni diretta, inti dejjem obligat tieqaf tipproċessa d-data personali fuq it-talba tal-individwu.

Kelmtejn ta' twissija dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati u t-tfassil ta' profili

L-individwi għandhom id-dritt li ma jkunux soġġetti għal deċiżjoni li hija bbażata biss fuq ipproċessar awtomatizzat. Madankollu, hemm xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola, bħal meta l-individwu jkun ta l-kunsens espliċitu tiegħu għad-deċiżjoni awtomatizzata. Għajr meta d-deċiżjoni awtomatizzata tkun ibbażata fuq liġi, il-kumpanija tiegħek jeħtieġliha:

- 🔔 tinforma lill-individwu dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati;
- 🔔 tagħti lill-individwu d-dritt li d-deċiżjoni awtomatizzata tiegħu tiġi riveduta minn persuna;
- 🔔 tagħti lill-individwu l-opportunità li jikkontesta d-deċiżjoni awtomatizzata.

Pereżempju, jekk bank jawtomatizza d-deċiżjoni tiegħu dwar jekk jagħtix self lil individwu partikolari, jenħtieġ li dak l-individwu jiġi informat dwar id-deċiżjoni awtomatizzata u jingħata l-opportunità li jikkontesta d-deċiżjoni u jitlob intervent tal-bniedem.




Obbligi bbażati fuq ir-riskju

Minbarra l-obbligi li għandhom l-għan li jiproteġu d-drittijiet tal-individwi, il-GDPR jinkludi wkoll għadd ta' obbligi li l-applikazzjoni tagħhom tiddependi fuq ir-riskju.

L-obbligu tiegħek: li taħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD)

UPD huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità tiegħek mal-GDPR. Wieħed mill-kompiti ewlenin tal-UPD huwa li jinforma u javża lill-impjegati li jwettqu l-ipproċessar attwali tad-data personali dwar l-obbligi tagħhom. L-UPD jikkoopera wkoll mad-DPA, billi jservi bħala punt ta' kuntatt għad-DPA u għall-individwi.

Il-kumpanija tiegħek hija meħtieġa taħtar UPD meta:

-  inti timmonitorja regolarment jew sistematikament individwi jew tipproċessa kategoriji speċjali
-  ta' data;
-  dan l-ipproċessar huwa attività ewlenija tan-negozju; u inti tagħmel dan fuq skala kbira.

Pereżempju, jekk inti tipproċessa d-data personali biex timmira r-reklamar permezz ta' magni ta' tiftix abbażi tal-imġiba tan-nies onlajn, f'dak il-każ il-GDPR jirrikjedi li inti jkollok UPD. Jekk, madankollu, inti tibgħat materjal promozzjonali lill-klijenti tiegħek darba fis-sena biss, inti mhux se jkollok bżonn UPD. Bl-istess mod, jekk inti tabib li tiġbor id-data dwar is-saħħa tal-pazjenti, probabbilment UPD mhux se jkun meħtieġ. Iżda jekk inti tipproċessa data personali dwar il-ġenetika u s-saħħa għal sptar, f'dak il-każ ikun meħtieġ UPD.

L-obbligu tiegħek: il-protezzjoni tad-data bid-disinn u b'mod awtomatiku

Il-GDPR jintroduċi żewġ prinċipji ġodda: il-protezzjoni tad-data bid-disinn u l-protezzjoni tad-data b'mod awtomatiku.

Il-protezzjoni tad-data bid-disinn tgħin sabiex tiżgura li kumpanija tqis il-protezzjoni tad-data fl-istadji bikrija tal-ippjanar, mod ġdid kif tiġi pproċessata d-data personali. Skont dan il-prinċipju, kontrollur tad-data jeħtieġ li jieħu l-passi tekniċi u organizzattivi kollha meħtieġa sabiex jimplimenta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u jiproteġi d-drittijiet tal-individwi. Dawn il-passi jistgħu jinkludu, pereżempju, l-użu ta' psewdonimizzazzjoni.

Il-protezzjoni tad-data bid-disinn timminimizza r-riskji tal-privatezza u żżid il-fiduċja. Billi l-protezzjoni tad-data titpoġġa fuq quddiem nett fl-iżvilupp ta' oġġetti jew servizzi ġodda, kwalunkwe kwistjoni dwar il-protezzjoni tad-data possibbli tista' tiġi evitata fi stadju bikri. Barra minn hekk, din il-prattika tgħin sabiex toħloq sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data fid-dipartimenti u l-livelli kollha ta' kumpanija.

Il-protezzjoni tad-data b'mod awtomatiku timplika li jkun żgurat li l-kumpanija tiegħek dejjem tagħmel l-aktar setting favur il-privatezza s-setting awtomatiku. Pereżempju, jekk żewġ settings ta' privatezza huma possibbli u wieħed mis-settings jipprevjeni d-data personali milli tiġi aċċessata minn oħrajn, jenħtieġ li dan jintuża bħala s-setting awtomatiku.

“Il-protezzjoni tad-data bid-disinn timminimizza r-riskji tal-privatezza u żżid il-fiduċja.”

“Il-protezzjoni tad-data b'mod awtomatiku tinvolti l-iżgurar li l-kumpanija tiegħek dejjem tagħmel is-setting l-aktar faċli għall-privatezza bħala s-setting awtomatiku.”

L-obbligu tiegħek: li tipprovdi notifika xierqa fil-każ ta' ksur tad-data

Ksur tad-data jseħħ meta tiġi żvelata, aċċidentalment jew b'mod illegali, id-data personali li inti responsabbli għaliha lil riċevituri mhux awtorizzati jew tkun temporanjament indisponibbli jew tinbidel.

Huwa vitali li negozju jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jevita ksur ta' data.

Madankollu, jekk iseħħ ksur ta' data u l-ksur joħloq riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwu, jenħtieġ li inti tinnotifika lid-DPA tiegħek fi żmien 72 siegħa wara li tkun sirt taf bil-ksur.

Skont jekk ksur ta' data joħloq riskju *għoli* lil dawk affettwati, negozju jista' jkun meħtieġ ukoll jinforma lill-individwi kollha affettwati mill-ksur tad-data.

It-trasferiment tad-data personali barra mill-UE?

Il-GDPR japplika għaż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), li tinkludi l-pajjiżi kollha tal-UE kif ukoll l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja. Meta data personali tiġi ttrasferita barra ż-ŻEE, jenħtieġ li l-protezzjonijiet offruti mill-GDPR jivvjaġġaw mad-data. Dan ifisser li biex jesportaw id-data barra mill-pajjiż, il-kumpaniji jeħtiġilhom jiżguraw li ċerti salvagwardji huma fis-seħħ.

Il-GDPR joffri sett ta' għodod ta' mekkaniżmi diversifikat biex id-data tiġi ttrasferita lejn pajjiżi terzi. Skont il-GDPR, tali trasferimenti huma permessi meta:

- 1.** il-protezzjonijiet tal-pajjiż jitqiesu adegwati mill-UE; jew
- 2.** il-kumpanija tiegħek, pereżempju, tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tipprovdi salvagwardji xierqa, bħal billi pereżempju tinkludi klawżoli speċifiċi fil-kuntratt konkluż mal-importatur mhux Ewropew tad-data personali; jew
- 3.** il-kumpanija tiegħek, pereżempju, tiddependi fuq raġunijiet speċifiċi għat-trasferiment (imsejħa "derogi") bħall-kunsens tal-individwu.

Għal aktar informazzjoni dwar ir-regoli li japplikaw għat-trasferimenti internazzjonali tad-data, ikkonsulta l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar L-Iskambjar u l-Protezzjoni tad-Data Personali f'Dinja Globalizzata: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52017DC0007&from=MT>

Għandek bżonn twettaq Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data (DPIA)?

It-twettiq ta' DPIA huwa obligatorju kull meta l-ipproċessar intenzjonat joħloq riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta jintużaw teknoloġiji ġodda.

Skont il-GDPR, hemm tal-anqas tali riskju għoli meta:

- 🔴 l-ipproċessar awtomatizzat u l-mekkaniżmi tat-tfassil ta' profili jintużaw biex jevalwaw l-individwi sistematikament u b'mod estensiv;
- 🔴 żona aċċessibbli pubblikament tiġi mmonitorjata sistematikament fuq skala kbira (pereżempju CCTV);
- 🔴 data sensittiva tiġi pproċessata fuq skala kbira (pereżempju data dwar is-saħħa).

L-għan tad-DPIA huwa li tidentifika riskji potenzjali għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi qabel jibda l-ipproċessar ta' data personali u qabel jimmaterjalizza ruħu r-riskju. Billi r-riskju jitnaqqas minn qabel, il-ħsara tista' tiġi evitata u l-ispejjeż jitnaqqas.

Jekk il-miżuri indikati fid-DPIA jonqsu milli jneħħu r-riskji għoljin kollha identifikati, id-DPA trid tiġi kkonsultata qabel ma jseħħ l-ipproċessar tad-data intenzjonat.

“It-twettiq ta' DPIA huwa obligatorju kull meta l-ipproċessar intenzjonat joħloq riskju kbir għad-drittijiet u għal-libertajiet ta' individwi.”

X'għandek tagħmel

Tweġiba għat-talbiet

Jekk il-kumpanija tiegħek tirċievi talba minn individwu li jrid jeżerċita d-drittijiet tiegħu, jenċtieg li inti twieġeb għal din it-talba mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba. Madankollu, dan il-ħin ta' tweġiba jista' jiġi estiż b'xahrejn għal talbiet kumplessi jew multipli, diment li l-individwu jiġi informat dwar l-estensjoni. Barra minn hekk, jenċtieg li t-talbiet jiġu indirizzati **mingħajr ħlas**. Jekk talba tiġi rrifjutata, inti jeħtieġlek tinforma lill-individwu bir-raġunijiet għaliex qed tagħmel dan u bid-dritt tiegħu li jressaq ilment quddiem id-DPA.

Uri konformità u żomm ir-rekords!

Wieħed mill-prinċipji ewlenin li jirfdu l-GDPR huwa li jiġi żgurat li l-kumpaniji jkunu jistgħu juru konformità. Dan ifisser li inti jeħtieġlek tkun kapaċi tipprova li l-kumpanija tiegħek tagħxi skont il-GDPR u tissodisfa l-obbligi kollha applikabbli — partikolarment fuq talba jew spezzjoni mid-DPA.

Wieħed mill-modi biex tagħmel dan huwa billi żżomm rekords iddettaljati dwar affarijiet b'ħalma huma:

- 👤 l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tan-negozju tiegħek involut fl-ipproċessar tad-data;
- 👤 raġuni(jiet) għall-ipproċessar tad-data personali; deskrizzjoni tal-kategoriji ta' individwi li jipprovdu d-data personali;
- 👤 kategoriji tal-organizzazzjonijiet li jirċievu d-data personali;
- 👤 it-trasferiment tad-data personali lejn pajjiż jew organizzazzjoni oħra;
- 👤 perjodu ta' ħżin tad-data personali;
- 👤 deskrizzjoni tal-miżuri tas-sigurtà użati waqt l-ipproċessar tad-data personali.

Barra minn hekk, jenċtieg li l-kumpanija tiegħek iżżomm ukoll — u taġġorna regolarment — proċeduri bil-miktub u linji gwida u l-impjegati tiegħek għandhom ikunu jafuhom.



KAPITOLU 4

LEST BIEX TIKKONFORMA?

Fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, il-GDPR jiffa' r-responsabbiltà fuqek. L-ewwel pass huwa li tidentifika l-attivitajiet attwali tal-ipproċessar tad-data u tevalwa mill-ġdid il-proċessi interni tan-negozju. B'mod partikolari, jeħtieġlek:

- ☁ tidentifika liema data qed iżżomm u għal liema raġuni u fuq liema bażi legali qed iżżommha;
- ☁ tivvaluta l-kuntratti kollha fis-seħħ, b'mod partikolari dawk bejn il-kontrolluri u l-proċessuri;

- ☁ tevalwa l-possibiltajiet kollha disponibbli għal trasferimenti internazzjonali; u
- ☁ tirrevedi l-governanza ġenerali tal-kumpanija tiegħek (jiġifieri liema miżuri tal-IT u organizzattivi għandek fis-seħħ), inkluż jekk inti għandekx jew trid x taħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data.

Element essenzjali f'dan il-proċess huwa li tiżgura li l-ogħla livell ta' maniġment tal-kumpanija tiegħek huwa involut f'tali reviżjonijiet, jagħti input u jiġi aġġornat u kkonsultat regolament dwar bidliet fil-politika tad-data.

L-ipproċessar tad-data f'aktar minn pajjiż wieħed?


Għall-ipproċessar transkonfinali, awtorità superviżorja ta' pajjiż ieħor, u mhux id-DPA nazzjonali tiegħek, tista' tkun l-awtorità kompetenti. Tipikament, din hija d-DPA

tal-pajjiż li jospita l-istabbiliment ewlieni tal-kumpanija tiegħek (fejn jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-mezzi u l-għanijiet tal-ipproċessar) fl-UE.

Ir-riskji ta' nonkonformità

Nuqqas ta' konformità mal-GDPR jista' jirriżulta f'multi sinifikanti — ta' mhux aktar minn EUR 20 miljun jew 4 % tad-dħul globali tal-kumpanija tiegħek għal ċertu ksur. Id-DPA tista' timponi miżuri korrettivi addizzjonali, bħal li tordna l-waqfien tal-ipproċessar ta' data personali. Jenġieġ ukoll li inti tqis il-ħsara fir-reputazzjoni li tista' tikkawża n-nonkonformità.

Bla dubju, l-ispejjeż ta' nuqqas ta' konformità mal-GDPR huma ħafna aktar minn kwalunkwe investment li wieħed jagħmel biex jikkonforma miegħu.



Mistoqsijiet? Tħassib?

Jekk jogħġbok ikkonsulta lid-DPA nazzjonali tiegħek.

Sib l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data nazzjonali tiegħek onlajn

http://ec.europa.eu/justice/data-protection/article-29/structure/data-protection-authorities/index_en.htm

AVVIŻ IMPORTANTI

L-informazzjoni u l-gwida f'dan il-fuljett huma maħsuba biex jikkontribwixxu għal fehim aħjar tar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Dan huwa intenzjonat biss bħala għodda ta' gwida — it-test tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) biss għandu forza legali. Bħala konsegwenza, il-GDPR biss huwa responsabbli biex joħloq drittijiet u obbligi għall-individwi. Din il-gwida ma toħloq l-ebda dritt jew aspettattiva infurzabbli.

L-interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE hija l-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-opinjoni espressti f'din il-gwida huma mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni li l-Kummissjoni tista' tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni Ewropea ma huma responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni fil-fuljett.

Dan il-fuljett jirrifletti l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fiż-żmien ta' meta ġie mfassal, huwa jenħtieġ li jitqies bħala "dokument ħaj" miftuħ għal titjib u l-kontenut tiegħu jista' jkun soġġett għal modifiki mingħajr avviż.

Kif tikkuntattja lill-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Kif issib tagħrif dwar l-UE

Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, mill-EU Bookshop fl-indirizz li ġej: <https://publications.europa.eu/bookshop>. Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

Data Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Data Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-data mill-UE. Id-data tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

Il-Regolament dwar il-Protezzjoni Ġenerali tad-Data (GDPR) jirregola l-mod li bih in-negozji jipproċessaw u jimmaniġġjaw id-data personali. B'liġi waħda Ewropea għall-protezzjoni tad-data personali, jeħtieġ li issa l-kumpanija tiegħek tikkonforma primarjament ma' liġi waħda dwar il-protezzjoni tad-data filwaqt li toffri oġġetti u servizzi kullimkien fl-UE.

Billi jissimplifika l-ambjent regolatorju għan-negozji, il-GDPR jirrappreżenta opportunità ġdida għan-negozju tiegħek sabiex itejjeb l-immaniġġjar tad-data personali u sussegwentement tizzied il-fiduċja tal-konsumatur fin-negozju tiegħek.

Dan il-fuljett jenfasizza l-obbligi li l-kumpanija tiegħek għandha skont il-GDPR.

europa.eu/dataprotection/mt

